# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

**Decizjoni Preliminari 2135**

Chairman: Sur Edmund Tabone MA, BA(Hons), Dip Mgmt

KAZ NRU. 2970/ET

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

**Roberta Balzan**
u
**MaltaPost p.l.c.**

*Dwar: Tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

Illi din il-kaz gie pprezentat mir-rikorrenti permezz ta' rikors tat-8 ta' Novembru 2011.

Illi l-istess rikorrenti, filwaqt li kkonfermat li kienet impjegata mas-socjeta' intimata fuq bazi definita, qed tallega li: -

(a) Il-kuntratt in kwestjoni gie terminat ghaliex il-Kumpanija kienet taf li r-rikorrenti kienet tqila; u

(b) Illi persuni ohra li kellhom l-istess kuntratti identici ghal dawk tar-rikorrenti l-Kumpanija ghazlet li ggeddilhom il-kuntratt taghhom;

Illi s-socjeta' tat dawn iz-zewg (2) eccezzjonijiet preliminari: -

(1) Illi dan it-Tribunal ma ghandux gurizdizzjoni peress illi dan il-kaz jirrigwarda l-ezercizzju da parti tal-kumpanija tad-dritt taghha li ma tirrenovax kuntratt ta' impieg ghal zmien definit;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-mod kif il-kaz hu mpoggi mill-appellanti, fejn qed jigi asserit illi ohrajn gew ittrattati mod iehor minnha, jidher illi qeghda tasserixxi xi forma ta' diskriminazzjoni u ghalhekk dan it-Tribunal kif kompost ma jistax jittratta l-kaz.

It-Tribunal sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eccezzjonijiet sollevati mill-kumpanija intimata;

Ikkunsidra illli: -

Ir-rikors tar-rikorrenti huwa bbazat fuq iz-zewg allegazzjonijiet gja imsemmija, jigifieri dik li l-kuntratt gie terminat minhabba t-tqala tar-rikorrenti u li r-rikorrenti ma gietx trattata bhal ma gew ittratti impjegati ohra qabilha.

Illi t-Tribunal m'ghandux dubbju li l-allegazzjoni ta' trattament differenti tar-rikorrenti mit-trattament li nghataw impjegati ohra qabilha ghandu jinftiehem li l-istess rikorrenti qed tallega li giet trattata b'mod diskrimitarju u li, ghalhekk, jinhtieg li wiehed jara x' jghid il-Kap 452 dwar dan.

Fl-Art. 73 (2) jinghad illi "Il-Prim Ministru ghandu jahtar *panel* ta' mhux aktar minn hmistax-il persuna biex jaghmluha ta' *chairpersons* tat-Tribunal Industrijali, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Malti ghall-Izvilupp Ekonomiku u Socjali, hekk izda li –

(a) ghall-inqas tlieta mill-membri hekk mahtura jkunu avukati b'esperjenza ta' ghall-inqas seba' snin;

Fl-Art. 73 (4) jinghad illi "Fil-kaz kollha koperti bl-artikolu 75, it-Tribunal ikun maghmul mic-*chairperson* wahdu, izda f'dawk il-kazi koperti bl-artikolu 75(1)(b) ic-chairperson ghandu jkun wiehed mill-membri mahtura skond is-subartikolu (2)(a).

Fl-Art. 75 (1) jinghad illi "Minkejja kull ma jinsab f;kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni eskluziva li jikkunsidra u jiddeciedi –

(a) il-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ingusta; u

(b) il-kazijiet kollha li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-sahha tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti tahtu.

Huwa evidenti li l-kwestjoni ta' trattament diskriminatorju ta' l-impjegati hi migbura taht it-Taqsima IV tat-Titolu I ta' l-Att.

Ghaldaqstant, it-Tribunal kif presjedut qieghed jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u qed jirreferih lura lis-Segretarju ta' dan it-Tribunal sabiex jigi assenjat lil *Chairman* iehor skont il-ligi.

Iffirmat : Is –Sur Edmund Tabone
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju